# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Omissis**
**Kyle Mifsud**

**Kumpilazzjoni 94/2021**

## Illum 3 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

**Omissis**; u

**Kyle Mifsud**, ta' 28 sena, iben Carmel u Charmaine nee Pace, imwieled Pieta fis-27 ta' Awwissu 1992, minghajt residenza fissa, detentur tal-karta ta' identita numru 418892M.

Akkuzati talli nhar il-21 ta' Jannar 2021, ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija (17:15hrs), minn gewwa De Paule Jewellery, Pjazza Antoine De Paule, Paola:-

1. Ikkommettew serq ta' brazzuletta tad-deheb u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema ammont ma jeccedix elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Richard Curmi u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli ghexu hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg.

**Omissis waheda** akkuzata ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi:

3. Ghamlet reat iehor waqt li kienet qeghda taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li nghatat lilha mill-Magistrat Dr F. Depasquale LLD, nhar it-30 ta' Novembru 2018;

4. U aktar talli kisret il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga mill-Magistrat Dr C. Farrugia Frendo, nhar l-10 ta' Mejju 2019;

**Kyle Mifsud wahdu** akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi:

5. Kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga mill-Magistrat Dr D. Clarke LLD, nhar il-11 ta' Lulju 2018;

6. U aktar talli ghamel reat iehor waqt li kien qieghed taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li inghatat lilu mill-Magistrat Dr F. Depasquale LLD, nhar l-20 ta' Novembru 2018;

7. U aktar talli ghamel reat iehor waqt li kien qieghed taht perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li inghatat lilu mill-Magistrat Dr C. Farrugia Frendo LLD, nhar il-11 ta' Dicembru 2020.

Il-Qorti giet mitluba li titratta **lill-imputati** bhala recedivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huma kienu gew misjuba hatja u kkundannati ghall-reati, b'sentenzi liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tordna direttiva li tobbliga lill-hatja li jirrestitwixxu lill-parti offiza kull haga minnhom misruqa jew akkwistaw bi qliegh iehor kontra l-ligi jew permezz tar-reat li dwaru jkunu gew misjuba hatja.

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema' bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-tratazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq mill-hanut De Paule Jewellery fil-21 ta' Jannar 2021.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur l-**Ispettur Sarah Kathleen Zerafa** jirrizulta li fil-21 ta' Jannar 2021 il-pulizija rcevew rapport ta' serqa mill-hanut fuq imsemmi. Peress li l-hanut kien mghammar b'sistema ta' CCTV u l-incident gie registrat, il-pulizija raw il-filmat u gie stabbilit li l-persuni li dahlu fil-hanut fil-hin tas-serqa kienu l-imputat u t-tfajla tieghu Donna Camilleri. Wara diversi tentattivi biex il-pulizija tikkomunika maghhom, liema tentattivi ma wasslu mkien, inhareg mandat ta' arrest fil-konfront taghhom. Fil-kors ta'l-investigazzjoni tal-pulizija rrizulta li l-indirizz indikat fil-karta ta' identita ta'l-imputat huwa r-residenza tan-nanna tieghu u hu ma kienx joqghod hemm. Donna Camilleri pero eventwalment giet arrestata u l-imputat baqa ma setax jinstab. L-ispettur kompliet tispjega li waqt li Camilleri kienet l-ghassa arrestata beda jcempel l-imputat; gie konfermat lilu li Camilleri kienet arrestat u inghata struzzjonijiet biex imur l-ghassa u huwa hekk ghamel. Fil-mument ta' l-arrest taghhom Camilleri kienet liebsa l-istess flokk li kienet liebsa waqt is-serqa u l-imputat kien liebes l-istess zarbun; dan seta' jigi konstatata mill-filmat mehud mic-CCTV. Fil-kors tad-depozizzjoni taghha l-ispettur Zerafa prezentata ritratt tal-flokk u z-zarbun, stills mehuda mic-CCTV u diversi sentenzi.

Illi **Richard Curmi** tressaq bhala xhud. Huwa spjega kif fil-gurnata in ezami kien qed jaqdi klient meta dahlu guvni u tfajla fil-hanut. Meta lesta minn mal-klient l-iehor it-tfajla (Donna Camilleri) saqsietu ghal brazuletta ta' xi tlett mitt Euro biex taghtiha rigal lil ohta. Indikatlu xi brazuletti u ghalkemm dawn kienu jaqbzu dak il-prezz Curmi xorta hareg d-display li kienu qeghdin fuqha biex tarahom u kkonfermala li kienu aktar mill-prezz li xtaqet hi. Hargilha display ohra li fuqha kien hemm brazuletti aktar hfif li ghalhekk kellhom ikunu aktar vicin tal-prezz li xtaqet tonfoq. Sakemm Curmi dawwar rasu biex jahdem il-prezz ta' wahda mill-brazuletti f'dan id-display sab brazuletti nieqsa. Affronta

lil Camilleri b'dan il-fatt u hi imxiet pass lura u gholliet idejha. Kif Camilleri gholliet idejha Curmi ra l-brazuletta fil-komma bit-tiketta hierga; prova jigbed il-brazuletta pero kompliet tgholli idejha u l-brazuletta niezlet fil-komma. Camilleri qabdet tghajjat li dik kienet tal-partner taghha (cioe l-imputat) u telqet tigri 'l barra mill-hanut. Curmi telaq jigri warajha pero irritorna wara ftit sekondi ghax ma riedx ihalli l-hanut wahdu; sadattant l-imputat hareg mill-hanut u telaq f'direzzjoni opposta minn dik lil fejn marret Camilleri. Curmi ghalaq il-hanut u rega' hareg ifittex lil Camilleri pero ma sabiex ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa. Curmi qal ukoll li l-cost price tal-brazuletta li hadet Camilleri kien ta' kwazi tlett mitt Euro.

Illi Curmi esebixxa **l-filmat mehud mic-CCTV**. Fil-filmat l-imputat u Camilleri l-ewwel dehru quddiem il-bieb tal-hanut qed jghidu xi haga li xulxin u wara ftit jidhlu; dak mil-hin kien hemm klient iehor fil-hanut. Bdew iduru mal-vettrini jaraw x'hemm fihom u kultant jghidu xi kelma. F'xi hin l-imputat jidher jipponta lejn xi haga fil-vettrina. Il-klient l-iehor telaq u Camilleri dehret qed tkellem lil Curmi li mar igib l-ewwel display minn vettrina u qeghda fuq il-bank. Camilleri rat xi brazuletti u wara ftit Curmi jidher jqieghed dak id-display lura fil-vettrina u johrog display iehor li qeghdu fuq il-bank ukoll. Mbaghad, kif fil-fatt spjega Curmi, jidher car li waqt li kien wiccu 'l isfel juza l-calculator Camilleri dawret id-display kemm kemm, qabdet brazuletta u hbietha f'idejha. Malli rega' dawwar rasu Curmi jidher qed jinduna li hemm brazuletta nieqsa, jaffronta li Camilleri li gholliet idejha u qalet xi haga fid-direzzjoni ta' l-imputat. Dak il-hin kif dawwret idejha deher it-tarf tal-brazuletta u t-tikketta; Curmi prova jigbed il-brazuletta, ma rnexxielux u Camilleri telqet tigri 'l barra. Curmi hareg warajha pero rega' dahal fil-hanut wara ftit sekondi; sadattant l-imputat hareg warajh imma telaq fid-direzzjoni opposta.

Illi **Donna Camilleri** tressqet bhala xhud ukoll. Fid-depozizzjoni taghha tghid li dahlu fil-hanut ta' Curmi biex jaraw brazuletta ghal ohtha u x'hin sid il-hanut kien qed juriha xi brazuletti dahlihla dan il-hsieb go mohhha u serqet wahda. Hi tghid li l-imputat ma kien jaf b'xejn. Fil-fatt, tkompli tghid, meta sid il-hanut induna u affrontaha l-ewwel harset lejn l-imputat ghax ma kenitx taf x'ser taqbad tghid u mbaghad telqet 'l barra u halliet lill-imputat hemm. Tinsisti li l-imputat ma kien jaf b'xejn tant li meta hi u Curmi bdew jillatikaw l-imputat beda jhares bhal speci "x'gara". Mistoqsija x'qalu bejniethom qabel ma dahlu fil-hanut Camilleri tghid li huma marru bit-tir li tara cappetta ghal ohtha u li din ic-cappetta kienet ser thallasha hi. Hi qalet ukoll li l-birthday t'ohtha kien baqalu u li dahlet fil-hanut biex tiehu idea ta' kemm huma il-brazuletti biex tkun taf kemm ghandha tfaddal; tghid ukoll li ma kellhiex flus fuqha dak il-hin. Camilleri kompliet tispjega li dak il-hin zbaljat u ghamlet li ghamlet. Fuq mistoqsija tal-Qorti Camilleri qalet li l-birthday t'ohtha kien f'Mejju u peress li hi tghix b'dak il-ftit li jaghtuha z-zija u missierha marret tara kif inhuma l-

prezzijiet biex tara kif ha tfaddal biex tkun tista' tixtri l-brazuletta. Meta giet mitluba biex tghid il-gurnata tal-birthday ta' ohtha Camilleri mbaghad qalet li l-birthday huwa fit-3 ta' Gunju mhux Mejju. Mistoqsija x'kienet xtrat is-snin ta' qabel lil ohtha fil-birthday qalet li kienet ilha tlett snin il-habs pero qabel gieli xtraw affarijiet ta' dak it-tip lil xulxin. Dwar il-brazuletta tghid li bieghetha; ma qalitx x'ghamlet bil-flus.

Illi in atti hemm esebita l-istqarrija ta' **l-imputat**. F'din l-istqarrija l-imputat ma wiegeb l-ebda mistoqsija dwar is-serq tal-brazuletta. L-unika haga li jghid hi li ghandu xoghol fil-gebel u fil-hobz u li l-indirizz fil-karta ta' identita tieghu hija r-residenza tan-nanna tieghu pero hu ma jghix hemm; jghid li joqghod "*kullimkien*".

Ikkunsidrat

Illi minn dawn il-provi ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li Donna Camilleri serqet brazuletta, pero dawn il-proceduri huma kontra Kyle Mifsud li permezz ta' l-ewwel imputazzjoni qed jigi akkuzat hu ukoll bis-serq ta' dik il-brazuletta. Ghalhekk irid jigi pruvat li huwa kien komplici ma' Camilleri fis-serqa.

Illi d-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[1].

Illi fil-fatt il-paragrafi (d) u (e) ta'l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu hekk:

> *Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -*
> *(d) ...... xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*
> *(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*

Illi l-Professur Mamo jghid ukoll li:

[1] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

> *Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof..... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prsions, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case,* ***the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity***[2] *and not its fulfillment after the fact*[3].

Illi dan il-principju gie riaffermat fil-gurisprudenza; il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rribadiet diversi drabi li *fil-liġi Maltija, il-figura ta' 'accessory after the fact' li teżisti fil-liġi Ingliża ma tiffurmax parti mill-elementi inklużi u msemmija tassattivament fil-liġi, biex ikun hemm kompliċita' fir-reat*[4].

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell qalet li:

> *Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel.*[5]

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra huwa stabbilit fil-gurisprudenza li jrid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali pero iccarat li:

> *Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-*

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[3] Op Cit pagna 126.
[4] Ref Il-Pulizija vs Shirley Chircop deciza 06.06.2002.
[5] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Martin Dimech deciza 29.09.2004.

> *delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-prezenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[6].

Illi ghalhekk, applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, dak li jrid jigi pruvat hu li l-imputat kien taf x'kellha f'mohhha Camilleri u li ghenha, imqar moralment, fit-twettieq ta' dan il-pjan.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel referenza ukoll ghall-principji li ghandhom jigwidawha meta qed tiddetermina jekk kienx jezisti l-common design bejn Camilleri u l-imputat. Fil-kawza The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden[7] saret referenza ampja ghal dawn il-principju li jemergu primarjament mid-dottrina ingliza in tema:

> *..... as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "**Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case**. But even if there have been some such overt acts, **the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference**. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "**You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting**[8]**.**"*

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx prova diretta ta' xi ftehiem bejn Camilleri u l-imputat. Anzi permezz tad-depozizzjoni taghha Camilleri tipprova tiskolpa lill-imputat billi tghid li hu ma kien jaf xejn ghaliex id-decizjoni li tittiehed il-

---

[6] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius deciza 24.02.2002.

[7] Deciza 02.11.2009.

[8] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti. Ghandu jigi rilevat ukoll li l-kawza kwotata (The Republic of Malta vs Steven john Lewis Marsden) tirreferi ghal *conspiracy* f'reati kontemplati fil-Kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta pero l-principi japplikaw b'l-istess mod ghall-common design rikjest f'komplicita f'kwalunkwe reat iehor.

brazuletta kienet wahda istantanja, mehuda minnha biss, hekk kif kienet qed tara l-brazuletti li hargilha Curmi mill-vettrina.

Illi Donna Camilleri ma tantx tista' titqies bhala xhud kredibbli. Hija tghid li m'ghandhiex introjtu, lanqas ghajnuna socjali u kienet tghix fuq dak il-ftit li kienu jaghtuha missierha u n-nanna; f'dan il-kuntest il-Qorti tqies bhala inverosimili l-allegazzjoni li hija kienet ser tixtri brazuletta tad-deheb ghall-birthday ta' ohtha. Aktar minn hekk Camilleri tghid li fil-gurnata in ezami hija ma marritx biex tixtri xi haga imma biex tiehu idea tal-prezzijiet biex tara kif ser tfaddal l-ammont necessarju sal-birthday t'ohtha; biex issostni dan il-punt tghid li ma kellhiex flus fuqha. Curmi min-naha l-ohra jghid li meta Camilleri u l-imputat dahlu fil-hanut Camilleri saqsiet specifikatament ghal brazuletti ta' xi tlett mitt Euro.  Il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita lil Curmi li huwa xhud kredibbli u konsistenti. Jekk Camilleri staqsiet specifikatament ghal brazuletti ta' tlett mitt Euro kienet taf kemm ezattament kemm kienet lesta tonfoq ghar-rigal ta' ohtha u ma kellhiex ghalfejn tmur tindaga dwar prezzijiet biex tkun tista' tibda ggemma l-flus.

Illi minkejja n-nuqqas ta' kredibilita ta' Donna Camilleri u fin-nuqqas ta' xi prova kwalunkwe ta' xi ftehiem li seta' kien hemm bejn Camilleri u l-imputat, u fin-nuqqas ta' xi prova li turi li l-imputat kellu sehem attiv f'dak li sehh fil-gurnata in ezami, ma jistax jinghad li ngebiet prova 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien jaf x'ser taghmel Camilleri u li b'xi mod ghenha fit-twettieq ta' dik is-serqa.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-tieni imputazzjoni, u cioe dik kontravvenzjonali li ghex hajja ta' ghazz u vagabundagg, ftit li xejn hemm provi u dawn jemergu mill-istqarrija ta' l-imputat.

Illi mistoqsi fil-kors ta'l-istqarrija fejn jghix u liema hi r-residenza tieghu, l-imputat jghid li l-indirizz li jidher fuq il-karta ta' identita tieghu huwa d-dar tan-nanna tieghu pero "*ma joqghodx hemm ... kullimkien joqghod*". Mistoqsi jekk jahdimx u jekk iva x'jaghmel l-imputat jghid li hu jahdem fil-gebel u fil-hobz. Meta mbaghad, quddiem din il-Qorti, kien qed isir l-ezami ta'l-imputat ai fini ta'l-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mistoqsi x'sengha jew professjoni jew stat iehor ghandu, wiegeb li jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni.

Illi min dan jista' jinghad minghajr dubbju li l-imputat m'ghandux residenza fissa. Pero dan pero ma jfissirx necessarjament li kien qed jghix hajja ta' vegabundagg (*a vagrant life* fil-verzjoni b'l-Ingliz tal-Kaptiolu 9).

Illi skond Black's Law Dictionary[9] *vagrant* huwa *any one belonging to the several classes of idle and disorderly persons, rogues and vagabonds. One who, not having a settled habitation, strolls from place to place; a homeless, idle wanderer. The term often refers to one who spends time in idleness, lacking any visible means of support*. *Vagrancy* mbaghad hija definita bhala *the state or condition of wandering from place to place without a home, job or means of support. Vagrancy is generally considered a course of conduct or a manane of living, rather than a single act*.

Illi fil-proceduri odjerni, ghalkemm jirrizulta li l-imputat ma kellux residenza fissa, ma tressqet l-ebda prova li turi li kien qed jghix barra, jew jiggerra fit-toroq jew li ma kellux mezzi biex jghajjex lilu nnifsu.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont li ma tressqet l-ebda prova li tikkontradici dak li jghid l-imputat dwar l-impjieg tieghu din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu l-imputat qed jakkuzat li kkommetta reati fil-perjodu ta' probation u fil-perjodu operattiv ta' sentenzi sospiza, u qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva.

Illi sejbin ta' htija f'dawn l-imputazzjonijiet jiddependi fuq sejbin ta' htija f'l-imputazzjonijiet principali; la darba l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-imputazzjonijiet issa in ezami ma jistghux jirrizultaw.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**

[9] Ninth Edition.